# Il-Midja u l-Ġurnaliżmu F'Malta

*Parlament nazzjonali taż-żgħażagħ 2018*

PARTIT TAL-MIDJA U L-ĠURNALIZMU F'MALTA

Din ir-reżoluzzjoni tal-Partit taż-żgħażagh u d-dinja tax-xoghol giet imfassla bl-intenzzjoni li tkun ta fejda għall-pajjiżna. Dawn il-proposti li aħna qegħdin nipprezentaw huma miftuħa ghal kull tip ta' diskussjoni u nilqghu b'idejna miftuħin kull kritika kostruttiva għaliex l-għan aħħari tagħna huwa dak li ntejbu s-sistema preżenti.

Permezz ta' din ir-reżoluzzjoni qeghdin nuru x-xewqa li nqajmu diskussjoni fuq dan is-suġġett għaliex fl-aħħar mill-aħħar hu fl-interess tagħna ilkoll li tittjieb is-sistema preżenti.

# *Partit tal-Midja u L-gurnalizmu F'Malta*

# Indici

Ahna x'nemmnu

Messaġġ mill-ko ordinatur

L-edukazzjoni

Il-ġurnaliżmu f'Malta

Riforma fil-ligi tal-slapp

Ir-realazzjoni bejn il-ġurnalisti u l-poplu inġenerali

Il-midja bhala settur promimenti

Ir-relazzjoni bejn il-midja u l-politika

Aħna x'nemmnu ?

Bla dubju ta' xejn l-edukazzjoni hi ċ -ċavetta għas-suċċess, dan għaliex meta wieħed jakkwista livell gholi ta' edukazzjoni ser issib iktar bibien miftuħa sabiex jibni l-karriera tiegħu. F'dan ir-rigward aħna l-Partit tal-Midja u l-Ġurnaliżmu nemmnu li l-edukazzjoni għandha tkun l-ewwel pass sabiex aħna ż -żgħazagħ ghall-darb'ohra inkunu protagonisti u nippronu proposti li l-għan tagħhom hu li jtejbu l-liġijiet preżenti f'dan is-setter hekk vast imma daqstant ieħor importanti f'dinja li kull ma tmur iktar qed issir globalizzata. Madankollu kif tista edukazzjoni gholja ttejjeb il-perċezzjoni tagħna kif nikkritikaw u nkabbru l-għarfien tagħna fuq dak li qed jigri madwarna ?

Dan l-aħħar saret popolari l-frażi 'fake news' dan wara li l-President attwali Amerikan Donald Trump beda juża ta' spiss din il-frazi tul il-kampanja Presidenzali tiegħu. Din il-frażi kienet tiġi uzata sabiex jinnega ċertu rapporti li bdew jinxterdu fuqu fuq il -midja Internazzjonali u tista tgħid li minn dan il-fenominu qamet il-mistoqsija X'tagħmel aħbar veritira u oħra falza ?

Grazzi għat-teknoloġija llum il-ġurnata n-nies mill-kumdita' ta darhom jistghu jaccessaw l-aħħar aħarbijiet minn fuq id-diversi news portals kemm lokali kif ukoll internazzjonali li jinsabu online. Madankollu dan joħloq kompettizjoni bejn il-kmamar tal-aħbarijiet stabiliti tant li xi kultant sforz ta' kemm ikunu jridu jinfurmaw lil qarrejja tagħhom b-aħħar aħbarijiet jippubblikaw stejjer mingħajr ic-ċertezza assoluta li l-aħbar hija waħda veritira.

Aħna bħala Partit nemmnu li għal din il-problema hemm żewġ soluzzjonijiet waħda minnhom hi li l-ġurnalisti għandhom dejjem jivverifikaw is-sorsi tagħhom kif ukoll jimxu mal-etika ġurnalistika u min-naħa l-oħra l-istat għandu jara li f'kull livell ta' edukazzjoni l-istudenti apparti li jitgħallmu hiliet akkademiċi jitgħallmu ukoll kif janallizaw kull evidenza li tiġi mogħtija lilhom u li finalment ikunu kapaċi jifformulaw opinjoni indipendenti.

F'din ir-rezoluzzjoni aħna l-Partit tal-Midja u l-Ġurnaliżmu qegħdin nipprovdu proposti konkretti li jekk jidħlu fis-seħħ ser ikunu qegħdin ittejbu s-settur tal-midja u l-Ġurnaliżmu li finalment jaffettwa lilna lkoll.

Fl-aħħar nett qed jgħixu f'dinja li kulma jmur qed tinbidel u b'hekk wasal iż-żmien li ċertu sistemi li kienu ta' fejda fil-passat jinbidlu għaliex illum il-ġurnata jixraq li naddottaw metodi li jgħinuna sabiex naffaċjaw u nelgħbu l-isfidi tal-llum.

## Il-Ġurnaliżmu F'Malta

L-'American Press Insititute' jiddefinixxi l-ġurnaliżmu bħala attivita fejn fiha jsir it-tiftixx, l-assesjar kreazzjoni u finalment il-presentazzjoni tal-aħbar. F'Malta l-ġurnaliżmu hija għodda importanti għaliex tipprovdi għarfien lil pubbliku permezz tal-servizzi li twassal.

Fit-3 ta' Settembru tal-1989 Istitut Ġurnalistiku Malti ra l -ħolqien tiegħu u dak iż-żmien kien maghruf bħala 'The Malta Press Club'. l-membri fundaturi ta' The Malta Press Club kienu: il-mibki Anthony Montanaro (The Sunday Times), il-mibki Charles Grech Orr (The Times), Evarist Bartolo (Il-Ħelsien), Felix Agius (L-Orizzont), Joe A. Vella (Malta News), Mario Schiavone (In-Nazzjon), Joe Cassar (Il-Mument), Manwel Zammit (Xandir Malta, llum PBS Ltd) u Carmel Bonello (BPC).

Matul l-ewwel tnax-il sena tiegħu, The Malta Press Club kellu l-appoġġ sħiħ tal-BPC, li pprovdiet post bħala ċentru kif ukoll għajnuniet finanzjarji u loġistiċi. Darba li rat jintlaħaq l-iskop ta' Press Club ħaj u ħawtiel, fl -2001 il-BPC ħasset li kien wasal il-waqt li ma tibqax tkun ħaġa waħda mal -IĠM u għaldaqstant inħallet mis-sħubija uffiċjali tagħha miegħu, għalkemm għad għandha relazzjonijiet eċċellenti mal-IĠM.

Fortunatament, The Malta Press Club din id-darba rnexxa u kemm ilu mwaqqaf għamel progress ġmielu. L-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin (IĠM), kif inhu magħruf illum il-Press Club, huwa rikonoxxut uffiċjalment mill-gvern u l-istituzzjonijiet Maltin l-oħra kollha, fosthom il-Ġudikatura, l-Knisja u l-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-bidla fl-isem għal Istitut tal-Ġurnalisti Maltin (IĠM) seħħet fl-2004 meta kien beda jinħass li mal-milja taż-żmien ir-rwol tal-Press Club kien inbidel, iżda anki biex seta' jsir membru tal-International Federation of Journalisrts (IFJ) u l-European Federation of Journalists (EFJ).

L-għanijiet tal-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin huma:

- Li jipprovdi mezz effettiv u effikaċi lill-ġurnalisti, magħqudin fi ħdanu, biex jaħdmu flimkien fl-iżvilupp tal-ġurnaliżmu u jsaħħu l-ħbiberija u l-koperazzjoni bejniethom;
- Li joffri faċilitajiet u servizzi professjonali u personali meħtieġa mill-ġurnalisti biex jaħtfu kull opportunità li tgħinhom itejbu l-ħiliet u kwalifiċi tagħhom billi jaqsmu l-esperjenzi ta' xulxin;
- Li jwettaq miżuri ta' awto-regolamentazzjoni u awto-dixxiplina waqt li f'kull ħin u kull waqt isostni l-ogħla valuri morali fil-qadi tad-dmirijiet professjonali tal-membri, dejjem konxju mill-fatt li l-informazzjoni u l-komunikazzjoni huma parti integrali mill-iżvilupp personali ta' kull ċittadin u fl -evoluzzjoni tas-soċjetà u d-demokrazija;
- Li jaħdem biex il-professjoni ġurnalistika ttejjeb il-livelli professjonali u edukattivi tagħha, u li tirbaħ ir-rikonoxximent u r-rispett li jixirqilha, l-aktar bħala servizz pubbliku; u
- Li tħares il-jedd fundamentali tal-libertà tal-informazzjoni u tal-libertà tal-espressjoni.

Biex dan kollu jkun jista' jsir, waħda mill-ewwel deċiżjonijiet tal-IĠM kienet il-ħolqien ta' pjan ta' ħames snin imsejjes fuq tliet għanijiet ewlenin: edukazzjoni, etika u professjonalità. Sar progress fuq kull wieħed minnhom u l-IĠM illum qed jaħdem bla heda sabiex dan il-progress ikompli jissaħħaħ.

Matul is-snin, l-IĠM ħa ħsieb iżid il -kuntatti tiegħu ma' għaqdiet tal-ġurnalisti f'pajjiżi oħra. Minbarra li hu membru sħiħ tal-IFJ u l-EFJ, l-istitut huwa wkoll membru-fundatur tal-Alliance of Independent Press Clubs tal-Ewropa, u membru tal-Federation of European Press Clubs, il-Federation of Mediterranean Journalists u l-Washington Press Association.

Waħda mill-ewwel ħidmiet tal -IĠM kienet il-ħolqien ta' Kodiċi ta' Etika għall-Ġurnalisti u t-twaqqif tal-Kummissjoni għall-Etika fil-Ġurnaliżmu (PEC) sabiex tistħarreġ ilmenti kontra ġurnalisti skont dan il-Kodiċi u fl-ispirtu ta' awto-regolamentazzjoni. Iċ-ċermen attwali tal-PEC huwa Dr Kevin Dingli.

L-IĠM iħoss li l-akbar kisba li għamel kien it-tibdil li sar fil-Liġi tal-Istampa. Wara taħditiet ma' uffiċjali tal-Gvern, fil-Liġi tal-Istampa saru emendi li jaħsbu għall-kunfidenzjalità tas-sors, il-privileġġ kwalifikat, il-jedd għall-informazzjoni u l-jedd għar-risposta.

Deċiżjoni oħra importanti kienet it-twaqqif tal-Fondazzjoni Tumas Fenech għall-Edukazzjoni tal-Ġurnalisti (FTFEĠ), li hi magħmula minn rappreżentanti tat-Tumas Group, grupp ewlieni ta' kumpaniji fi ħdan familja waħda, u uffiċjali tal -IĠM. Il-fondazzjoni twaqqfet bħala tifkira ħajja tal -mibki Tumas Fenech, imprenditur ewlieni. L-għan tagħha huwa li jitjieb il-livell tal-ġurnaliżmu f'Malta.

L-FTFEĠ tgħin fil-finanzjament ta' seminars, taħditiet u atttivitajiet ġurnalistiċi oħra organizzati fi sħubija mal-IĠM u fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji magħmul minn ġurnalisti veterani. L-IĠM jaħdem mill-qrib ukoll mal-iStrickland Foundation, li għandha l-ishma maġġoritarji fl-Allied Newspapers, dar tal-pubblikazzjoni ewlenija f'dawn il-Gżejjer.

Il-qofol tal-ħidma tal-IĠM matul is-sena huma l-Malta Journalism Awards, liema premjijiet huma maħsubin biex jinkoraġġixxu u jirrikonoxxu x-xogħol li jsir mill-ġurnalisti f'kategoriji varji fl-oqsma tal-ġurnaliżmu stampat, ix-xandir, u l-media elettronika. Dawn il-premjijiet huma sponsorjati minn fost l-aktar kumpaniji, korporazzjonijiet u entitajiet prominenti Maltin.

**Proposti li qed nipproponu sabiex jittjieb il-qasam ġurnalistiku F'Malta**

I. Fl-2016, sena qabel l-ewwel qtil ta' ġurnalista f'pajjiżna, ir -rapport tal-Media Pluralism Monitor żvela li f'Malta kellna riskju medju fil -pluraliżmu tal-midja. F'dan iż-żmien, fil-qasam tal-Protezzjoni Bażika, kien hemm riskju baxx. Dan il-fatt huwa prova ċara li għandna bżonn insiru nafu min ried isikket darba għal dejjem lil Daphne Caruana Galizia, u mhux min qatilha biss.

Soluzzjoni: Investigazzjoni b'kull enerġija u kooperazzjoni mill-istituzzjonijiet Maltin u Ewropew biex jinstab dan il-qattiel. Malta ma tistax tiġi kkunsidrata bħala demorkazija serja sa kemm il-libertà tal-espressjoni tiġi protetta permezz ta' operazzjonijiet effettivi f'dan il-qasam.

II. Malta hija l-uniku pajjiż fl-UE li għandu ħafna mill-midja ikkontrollat b'mod dirett mill-partiti politiċi ewlenin. Sfortunatament, dan ifisser li bosta mill-ġurnalisti f'pajjiżna ma jistgħux jagħmlu xogħolhom kif suppost minn perspettiva ta' etika. Naturalment, hemm interessi kummerċjali, kif ukoll ta' poter fil-midja li hija kkontrollata mill-partiti politiċi. Allura, il-'Code of Ethics' li ħareġ biha l -grupp 'SPJ – Society of Professional Journalists' ma jistax jiġi segwit minħabba l-kunflitti ta' interess. Dawn il-prinċipji jikkonsistu fid-dixxiplina biex il-ġurnalisti jsibu l-verità u jirraportawha, biex inaqqsu l-ħsara fuq persuni oħra bħalhom li jistħoqqilhom ir-rispett, biex iservu l-pubbliku billi jaħdmu b'mod indipendenti, u biex ikunu responsabbli u trasparenti fl-artikili tagħhom. Il-partiti politiċi ewlenin f'Malta bħalissa jistennew li bosta mill-ġurnalisti Maltin ma jistgħux jimxu skont il-moralità tagħhom f'bosta aspetti minn dawn il-kodi tal-etika.

Soluzzjoni: Il-pluraliżmu tax-xandir huwa ta' importanza prima għal kwalunkwe pajjiż demokratiku. Dan sabiex iċ-ċittadin ikollu aktar sorsi differenti fuq xhiex jista' jibbaża l-valutazzjoni oġġettiva tiegħu. Nipproponu li jingħataw fondi bl-aktar mod trasparenti possibli sabiex iservu ta' inċentivi għal ġurnalisti verament indipendenti. Madankollu nemmnu bis-sħiħ li f'isem il-pluraliżmu tax-xandir ħadd m'għandu jiġi mwaqqaf milli jkollu mezz tax-xandir, ġaladarba il-pubbliku jkun għal kollox konxju dwar x'inhi l-aġenda politika ta' dak il-mezz tax-xandir.

III. Ir-rapport tal-Media Pluralism Monitor żvela ukoll li f'Malta ġeneralment ikunn hem influwenza politika fuq il-PBS. Agħar minn hekk, minħabba in-nuqqas ta' fondi, ħafna drabi l-ġurnalisti Maltin ma jkunux f'pożizzjoni fejn jistgħu jirrifjutaw xi offerti minn partiti politiċi biex jimmpromovu l-interessi tagħhom.

Soluzzjoni: *Huwa neċessarju li ċ-ċittadin ikun rasu mistrieħa li l-istazzjon tal-istat huwa tassew indipendenti. Għalhekk nipproponu aktar konsultazzjoni meta jkun hemm il-ħtieġa li jiġi appuntat bord tad-diretturi ġdid tal-PBS. Huwa neċessarju li tal-inqas kull partit politiku b'rappreżentanza fil-parlament ikollu fiduċja fl-istazzjon nazzjonali. Jeħtieġ li jkun hemm trasparenza assoluta minn aspett ta' fondi li jidħlu jew joħorġu mill-PBS. Għandu jkun hemm il-possibbilta' li min iħoss li f'xi kwistjoni hemm xamma ta' kunflitt ta' interess ikollu l-possibbilta' li jressaq l-ilment tiegħu quddiem l-awtorita' tax-xandir u għalhekk huwa ta' daqstant importanza li anke fil-każ tal-awtorita' tax-xandir għandu jkun hemm kunsens bejn il-Gvern u l-Oppożizzjoni dwar l-integrita' ta' dawk li jiffurmaw l-awtorita' tax-xandir.*

IV. Il-poplu Maltid jaħseb li l-libertà tal-espressjoni hija waħda assoluta – li wieħed jista' jgħid li jrid, meta jrid, fejn irid, bla ebda limitu.

Soluzzjoni: Jeħtieġ li permezz ta' mezzi varji fosthom kampanji informattivi fuq il-mezzi tal-midja stess tingħata definizzjoni ċara u sempliċi ta' x'inhi tassew il-liberta' tal-espressjoni u fejn u meta minn liberta tal-espressjoni ngħaddu għall-kliem ta' intolleranza u mibegħda. Għandna bżonn liġijiet aktar ħorox kontra l-kliem ta' mibegħda. Neħtieġu Cyber Crime Unit aktar b'saħħtu u effiċjenti sabiex il-pieni jiġu infurzati fuq min jagħmel użu ta' 'hate speech'. Huwa neċessarju li kliem ta' mibegħda ma jiġix ittollerat kemm min-naħa tal-ġurnalisti kif ukoll min-naħa tal-pubbliku. Il-ġurnalisti jeħtieġ li jkunu protetti aktar minn kliem ta' mibegħda hekk kif imsemmi f'din l-emenda permezz tat-tisħiħ tas-Cyber Crime Unit. Assolutament m'għandnix naslu fl-estrem l-ieħor fejn sforz kemm hu neċessarju li ma jiġix ittollerat kliem ta' mibegħda nispiċċaw niċċensuraw opinjonijiet differenti.

# Riforma tal-ligi Slapp

X'inhi slapp?

Slapp (Strategic Lawsuit against Public Participation) hu libell kontra l-parteċipazzjoni pubblika. Dan il-libell huwa intiż sabiex jiċċensura, jintimida u kif ukoll issikett kritċi billi jiġu mitluba sabiex iħallsu l-prezz tad-difisa legali sakemm dawn jabbandunaw il-hsibijiet kritċi u oppożżizjoni. Dawn Il-libelli huma effettivi għaliex il-kawza fil-qorti ddum snin sabiex tinqata s-sentenza.

Soluzzjoni

F'dan l-istadju ta'kif inhi l-ligi bhalissa anha nemmnu li dan qieghed ixxekkel il-ħidma ġurnalistika sa ċertu punt madankollu nemmnu ukoll li l-ġurnalisti għandhom jimxu mal-kodiċi etika tagħhom sabiex meta jikkritaw ġrajjiet kurrenti dejjem tkun l -idea fil-mira tal-kritika u mhux il-karattru tal-persuna. B'hekk aħna nemmnu li meta ġurnalist jigi mtella' l-qorti fuq libell prezentat minn terza persuna u dan l-istess ġurnalist ikun akkuzat inġustament jingħata rikompens xieraq. , min jipprova jintimidah jew jwaqqfu mil-hidma kontinwa tieghu rrid jaghmel stqarrija u apologija pubblika u sakemm Dak li kien se jigi ppubblikat ma kellux informazzjoni sensittiva jew li jkun Kaz tal-malafamma u li l-akkuzat jehel piena ta' habs ghal zmien indefenit u multa.Dan minhabba li tkun qed tinkisser d-dritt tal-bniedem mill-liberta tal-espressjoni u l-liberta tal-midja.

## Is-settur tal-media

Bil-qabża l'quddiem li ghamilna llum il-ġurnata fit-teknoloġija, is-settur tal-midja għamel qabza 'il quddiem tant li dan is-settur sar ir-raba' pilasstru fis-soċjeta' demokratika. Dan is-settur vast jinvolvi hafna tipi ta' midja differenti fosthom radio, television u l-aktar popolari magħna ż -żgħażagħ il-midja soċjali. F'dinja hekk globalizzata rridu nirrikonoxxu li l-midja soċjali hija parti sostanzjali ta' ħajjitna b'hekk ikun ta' fejda għalina li nuzaw din l-għodda sabiex niffaċiltaw u ntejbu ħajjitna.

Grazzi ghall-dawn l-avvanzi f'dan is-settur inħolqu postijiet ġodda ta' xogħol u dan kompla jgħin it-tkabbir ekonomiku ta' pajjizna. F'dan is-settur aħna nemmnu li l-edukazzjoni hi pedament promimenti sabiex jitgħallmu nuzaw it-teknologija għal vantaġġ.